MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 108/7

It-Tlieta 21 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

108.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

108.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (107/7 [24/07/18]);

108.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

108.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

108.5 Rapporti;

108.6 Monument tal-Gudja – progress;

108.7 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;

108.8 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali – progress

108.9 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja

108.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

108.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**108.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

108.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Viċi Sindku s-Sur Romeo Baldacchino informa lill-Kunsill li kien jinsab indispost. Il-Kunsill qabel li għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**108.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (107/7 [24/07/18])**

108.2.1 Peress li dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, kien propost u maqbul b'mod unanimu li jittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier is-Sur S Caruana ssekonda li dawn il-minuti 107/7 tal-24 ta' Lulju 2018 jiġu approvati. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**108.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

108.3.1 *No entry for heavy vehicles* fi Triq F. Castagna u Triq Santa Marija (fil-biċċa d-dejqa). Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li hemm ħtieġa li jitwaħħlu dawn it-tabelli għaliex vetturi kbar qed jagħmlu ħsara u joħolqu periklu meta jgħaddu minn dawn l-inħawi.

108.3.2 Parking quddiem 25, fi Triq R. Caruana. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu talba għal parkeġġ quddiem fejn qabel kien l-istationery tal-familja u issa sar studio għat-tfal u żgħażagħ li jitgħallmu l-mużika. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li flimkien ma' 6 postijiet oħra, il-Kunsill għandu jagħmel talba lit-TM sabiex tawtorizza *single yellow line* bil-ħinijiet skont kif ikun meħtieġ. Dawn il-postijiet huma l-Mużew tas-Subien u tal-Bniet, Każini tal-Banda waqt tagħlim mużikali, quddiem Dar iż-Żgħażagħ Triq iż-Żebbuġa s-7pm u l-10.30pm u quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali Triq San Pawl.

108.3.3 Xogħol fi Triq iż-Żebbuġa (in-naħa tas-sala tal-Parroċċa). Is-Sindku qal li sejra ssir laqgħa mal-Perit fuq il-post. Id-disinn tat-triq kif preparat mill-Perit ġie spjegat u sar qbil li dan il-passaġġ tan-nofs għandu jitwessa' sabiex ikun jista' jgħaddi wheelchair bil-kumdità kollha.

Għandha ssir rampa xierqa fid-daħla tas-sala tal-Parroċċa. Il-Kunsill qabel ukoll li sakemm dan ikun possibbli għandu jsir dawl fil-passaġġ jew fil-ġnub.

108.3.4 Kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku qal li dan l-aħħar saret laqgħa ma' uffiċjali tal-WasteServ fejn ġie spjegat li mill-31 ta' Ottubru sejrin ikun hemm tibdiliet fis-sistema tal-ġbir tal-iskart. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel u approva li b'seħħ mill-31 ta' Ottubru l-ġbir tal-iskart ikun hekk kif inhu ġej:

It-Tnejn – borża sewda u dik bajda; it-Tlieta – borża ħadra; l-Erbgħa – borża bajda; il-Ħamis – borża sewda; il-Ġimgħa - borża bajda u s-Sibt – borża sewda.

Is-Sindku qal ukoll li dan it-tibdil kif ukoll peress li l-WasteServ damu ma' kkonfermaw dan, ikkawża dewmien fil-ħruġ tat-tender peress li t-tender il-ġdid għandu jinkorpora fih kull tibdil meħtieġ.

108.3.5 Skips tas-separazzjoni tal-iskart minn Triq l-Għelejjel għal Vjal it-Torri (fit-tarf qrib Triq Victor Pasmore). Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li dawn l-iskips li huma utli jitpoġġew fit-tarf ta' Vjal it-Torri b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku.

108.3.6 Xiri ta' mutur għall-ħaxix ħażin fit-toroq. Is-Sindku stqarr li l-qtugħ tal-ħaxix speċjalment fi nħawi qalb l-għelieqi jinsab fi stat ħażin u hemm bżonn li l-Kunsill jieħu azzjoni diretta. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu miegħu persuna ta' esperjenza li taf tħaddem l-apparat. Is-Sindku qal ukoll li meta dan ix-xogħol ikun taħt il-kontroll dirett tal-Kunsill, il-Kunsill jiffranka l-ispejjeż u jsir xogħol aħjar.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jinxtara dan l-apparat meħtieġ iżda s-somma ma taqbiżx €550.00 u li jkun hemm dokumentazzjoni li dan l-apparat li jkun huwa sigur u li l-ħaddiem inkarigat huwa kapaċi li jidħol għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel ukoll li meta jinxtara dan l-apparat kull ftehim li l-Kunsill għandu jew seta' għandu dwar il-qtugħ tal-ħaxix qalb r-raba' għandu jiġi xolt b'mod immedjat.

Is-Sur Caruana qajjem il-punt li peress li s-Sur Baldacchino l-Viċi Sindku inkarigat mill-ambjent ma kienx preżenti tkun ħaġa tajba li deċiżjoni dwar din il-materja tiġi diskussa fil-preżenza tiegħu.

Is-Sindku wieġeb li dan ma kienx possibbli peress li l-qagħda tax-xogħol hija urġenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu li kull informazzjoni u dettall dwar l-akkwist ta' dan l-apparat u sigurtà meħtieġa għandha tiġi kkomunikata permezz ta' imejl.

108.3.7 Parkeġġ fi Triq il-Lewż. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva permess mit-TM u għalhekk il-Kunsill kien sejjer iwettaq ix-xogħol ta' sinjali kif mitlub u approvat mit-TM.

Is-Sur Caruana qal li din l-approvazzjoni sejra tfisser li jintilef spazju ta' parkeġġ tant bżonjuż peress li ftit hemm fejn tipparkja f'din it-triq.

Saret diskussjoni u l-Kunsill finalment qabel u ddeċieda li l-affarijiet jibqgħu l-istess mingħajr ma jsiru s-sinjali kif diġà approvati mit-TM peress li dawn is-sinjali jistgħu jikkawżaw aktar limitazzjoni ta' parkeġġ.

108.3.8 Contract for Service. Is-Sindku qal li kif kien deċiż fil-laqgħa 103/7, dan il-ftehim ġie ffirmat u b'hekk is-Sur Formosa qed ikompli jagħti s-servizzi tiegħu lill-Kunsill kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel u approva dan il-ftehim b'mod unanimu.

**108.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

108.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti. Dan qed isir kif maqbul waqt din l-istess laqgħa.

**108.5.0 Rapporti**

108.5.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Linji ta' parkeġġ fi Triq l-Awrekarja. Is-Sur Sammut qal li ta' sikwit qed jinqala' l-inkwiet f'din it-triq peress li l-linji eżistenti mhux addattati għal parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li dawn il-linji saru mill-kuntrattur taħt id-direzzjoni tat-TM. Is-Sur Sammut qal li għalkemm l-aktar li tissemma' Triq l-Awrekarja hemm ħtieġa wkoll sabiex jiġu rranġati l-parkeġġi fi Triq il-Palma u Triq il-Mitħna għaliex jidher li hemm xi ħaġa ħażina. Il-Kunsill qabel u approva li jitlob lill-kuntrattur inkarigat sabiex jagħmel il-linji skont il-policy u proċeduri tat-TM.

b. Skema ta’ restawr. Is-Sur Sammut qal li dan l-aħħar ġejna infurmati dwar skema ta’ finanzjament u l-Kunsill għandu japplika għar-restawr tan-niċeċ u s-Salib fl-inħawi ta’ Bir Miftuħ.

c. Oġġetti ta’ ingombru fi t-toroq tal-Gudja. Is-Sur Sammut fakkar li sa żmien ilu l-Kunsill kien bagħat ittra lir-residenti dwar dan iżda jidher li ftit li xejn sar dwar dan. F’dan l-istadju s-Sur Caruana stqarr li fi Triq Sta Marija, fil-parti d-dejqa inti u niżel lejn il-pjazza hemm buganvilla li kibret b’mod li l-istatwa ta’ Santa Marija kellha tiġġenneb sew sabiex tgħaddi. Is-Sur Caruana qal li huwa ħasra li xi minn daqqiet jinqalgħu inċidenti bla bżonn meta kulma jkun meħtieġ ħaġa żgħira bħal żabra li żgur tagħti dehra aħjar.

Saret diskussjoni dwar diversi oġġetti ta’ ingombru u l-Kunsill filwaqt li għamel referenza għal-Liġi Sussidjarja 65.13, jitlob laqgħa mal-Pulizija sabiex ikollu aktar tagħrif ta’ kif l-azzjoni tal-Kunsill ikun skont il-liġi u tkun kordinata bil-ħidma tal-Pulizija Eżekuttiva.

d. Arblu fi Vjal it-Torri. Is-Sur Sammut qal li dan l-arblu qiegħed fi stat perikoluż u għandu jiġi mneħħi jew isir xi ħaġa ta’ protezzjoni għaliex b’każ ta’ inċidenti l-konsegwenzi jkunu kbar. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Enemalta dwar dan.

108.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Problema ta’ ingombru. Dwar il-problema ta' ingombru fit-toroq tal-Gudja, speċjalment f' postijiet/ toroq dojoq u li kompliet tiżviluppa matul dan l-aħħar ġranet, is-Sur Caruana talab lill-Kunsill kollu sabiex b'mod unanimu u b'sens ta' maturità u galbu, nindirizzaw il-problema ta' ingombru fit-toroq flimkien ma’ entitajiet konċernati bħalma huma l-Pulizija. Dan sabiex ikun hemm l-għajnuna u l-protezzjoni meħtieġa ħalli s-sens komun jipprevali u jitneħħa l-inkonvenjent.

b. Wirja tal-arti. Wara talba minn diversi residenti u artisti Gudjani, il-Kunsill qabel li għandha terġa’ tittella’ l-wirja tal-arti li kienet saret popolari fir-raħal tal-Gudja. Id-dati proposti huma bejn 10 ta' Ottubru u l-14 ta' Ottubru 2018. Fuq suġġeriment anke tas-Sindku, din il-wirja tista’ ssir ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq San Pawl. Dan ukoll għandu jkun bħala parti mill-programm Kulturali “Erba’ Staġuni”.

c. Programm tal-Milied 2018. Rigward il-programm tal-Milied ta’ din is-sena 2018/2019, il-Kunsill qabel fuq:

i. l-armar tat-toroq għandu jsir bħas-snin ta’ qabel u bl-istess arranġamenti kemm mill-Kunsill Lokali, mis-Soċjetà Filarmonika La Stella, l-Għaqda Mużikali Marija Assunta u mill-Grupp Armar Festa Santa Marija.

ii. il-kunċert annwali tad-19 ta' Diċembru fil-knisja fis-7.15pm, imtella’ mill-Parroċċa u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

iii. Il-'Milied ta Dari' se jsir fi Triq Santa Marija u Triq l-Annunzjata nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2018 mill-4pm 'il quddiem bħala parti mill-programm "Erba' Staġuni".

108.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Linji gwida dwar servizz li jitlob il-Kunsill. Is-Sur Fenech staqsa jekk il-Kunsill għandux xi linji gwida u jew provedimenti fil-kuntratti li l-Kunsill jidħol bi ftehim ma' terzi għal servizzi li jingħataw fil-Gudja fuq ħsarat li jistgħu jiġu kkawżati lir-residenti waqt it-twettiq tas-servizz mill-kuntrattur b'xogħol li jkun qed iwettaq f'isem il-Kunsill.

   Is-Sindku wieġeb li fil-kuntratti ta' provedimenti li jakkwista l-Kunsill hemm diversi klawżoli li juru li l-kuntrattur huwa responsabbli għal kull għemil tiegħu. Il-Kunsill jidħol responsabbli biss li jagħmel il-ħlas miftehma u li jkun dovut għas-servizz.

b. Tħejjija għat-tender b'urġenza dwar ġbir ta' skart domestiku (borża s-sewda) minn wara l-bibien tar-residenti. Is-Sur Fenech staqsa dwar dan fid-dawl ta' 3 direct orders li ta l-Kunsill li fil-fehma tiegħu huwa l-massimu li tippermetti l-liġi dwar il-ksib ta' servizzi/provvisti. Is-Sindku wieġeb li filwaqt li l-Kunsill kien qed jipprepara tender b'urġenza, il-WasteServ waqt laqgħa stqarru li jkun aħjar li jżommu l-ħruġ ta' din it-tender sospiż għal ftit żmien u dan sabiex jevita li l-Kunsill ikun kostrett li jerġa' joħroġ tender oħra fi żmien qasir meta dawn it-tibdiliet jidħlu fis-seħħ.

c. Permessi għal bini ta' bankini fuq siti ta' kostruzzjoni. Is-Sur Fenech qal li bankina fuq sit ta' kostruzzjoni fi Triq San Pawl ħarġet fit-triq u qed tostakola l-aċċess liberu tal-istess triq. Is-Sur Fenech staqsa wkoll jekk għadx hemm lok għal din il-bankina u ħajt ta' ilqugħ li qed ukoll jagħlaq il-bankina peress li s-sit ta' kostruzzjoni issa tela' ġmielu sal-ewwel sular u jista' jiġi msakkar.

   Is-Sindku wieġeb li din hija ħaġa tal-Building Regulation Office (BRO) u l-Kunsill ma għandux poter li jidħol dwar dan. Iżda fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill jista' jressaq dan il-każ lill-BRO sabiex tittieħed azzjoni xierqa u jonqos jew jitneħħa l-inkonvenjent.

d. Festa Kappelli Gudja. Is-Sur Fenech ippropona li tittella' Festa Kappelli Gudja peress li fil-Gudja hawn diversi kappelli u li din tkun attrazzjoni anke fuq livell nazzjonali. Is-Sur Caruana wieġeb li dan diġà qed isir permezz tal-programm "L-Erba' Staġuni".

e. Bankini quddiem tliet residenti fi Triq il-Fidwa. Is-Sur Fenech qal li ta' sikwit dawn ir-residenti qed ikollhom r-residenza tagħhom ingumbrata bi pparkjar irresponsabbli ta' vetturi għaliex fuq in-naħa l-oħra tat-triq hemm miżbugħin linji sofor quddiem residenzi u li għal liema linji huwa (is-Sur Fenech) għadu

qed jinstenna li jingħata r-raġuni għaliex saru u jekk hemmx permessi u awtorizzazzjoni tat-TM.

Is-Sindku wieġeb li sejjer jara dwar dak meħtieġ u li l-uffiċjal tat-TM jista' wkoll jara dwar dan meta jiġi fuq il-post.

g. Ħajt tal-għalqa fi Triq Ħal Resqun. Is-Sur Fenech ippreżenta stampa ta' ħajt fi Triq Ħal Resqun li jidher li qed fi stat li jista' jċedi. Il-Kunsill qabel li jitwaħħal avviż mal-ħajt li jitlob lis-sid tal-għalqa sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ u jitneħħa l-periklu li jista' jkun akbar malli tibda x-xita.

**108.6.0 Monument tal-Gudja - progress**

108.6.1 Is-Sur Fenech ippreżenta abbozz li fil-fehma tiegħu jista' jinkorpora l-ideat oriġinali ta' dawk li għamlu s-sottomossjonijiet wara s-sejħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li s-Sur Fenech ikompli fuq dan il-proġett u li jfittex għal fondi u li jara li fir-roundabout, fejn huwa propost li jitwaqqaf dan il-monument, hemmx xi proġett tat-TM.

Is-Sur Fenech stqarr li sejjer ikompli jinforma lill-Kunsill dwar il-progress li jkun inkiseb minn żmien għal żmien.

**108.7.0 *Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja - progress**

108.7.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-sottomissjonijiet kif kien meħtieġ.

Is-Sur Sammut stqarr li fil-fehma tiegħu skont il-proċeduri stabbiliti għandu jkun hemm approvazzjoni fi żmien 10 ġimgħat (massimu).

**108.8.0 Fondi – Miżura 4.3 – toroq rurali**

108.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sur Cassarino jidher li mhux f'pożizzjoni li jagħti l-garanzija bankarja u jidher ukoll li għandu xi diffikultà li jikseb il-permess mit-TM. Il-Kunsill qabel li l-project leader (is-Sur Formosa) ikompli jaħdem fuq dan il-proġett u jinforma lil-Kunsill dwar żviluppi minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-Managing Authority għaddiet lill-Kunsill l-ammont ta' €353,984.85.

**108.9.0 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja**

108.9.1 Is-Sindku qal li laqgħa mal-Perit sejra ssir l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2018 f'nofsinhar u stieden lill-Kunsilliera kollha sabiex jekk ikun possibbli jkunu preżenti u jagħtu s-suġġerimenti tagħhom skont kif ikun meħtieġ sabiex jitwettaq l-aħjar xogħol li jirrispetta l-ambjent tal-madwar. Sar qbil li x-xogħol jiġi estiż għal partijiet żgħar ta' madwar il-knisja.

**108.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

108.10.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 59/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku u ssekondata mis-Sur G. Fenech għall-ammont totali ta' €15,6401.01.

Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**108.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

108.11.1 Affarijiet oħra

a. Dawl fuq l-istatwa ta' San Ġużepp u l-istatwa tas-Salib. Il-Kunsill qabel li jinsisti mal-kuntrattur Nexos sabiex dawn ikunu mdawla kif meħtieġ.

b. Dustbins fil-pjazza. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ntlaqgħu sewwa u li għandu jkun hemm aktar dustbins ta' din il-kwalità fi nħawi oħra.

c. Xiri ta' 50 borża cold tarmak u 4 tankijiet żebgħa tal-art. Il-Kunsill approva dan ix-xiri għal xogħlijiet meħtieġa f'diversi toroq fil-Gudja.

d. Milied ta' Dari 2018. Il-Kunċert tal-Milied sejjer isir bħas-soltu fid-19 ta' Diċembru 2018 fil-knisja.

e. Parking biswit nru 20 fi Triq Sta Marija, il-Gudja. Is-Sur Sammut stqarr li dan il-parking bay qed joħloq problemi. Il-Kunsill qabel li jsir dak meħtieġ sabiex il-parkeġġ biswit din id-dar ma joħloqx ingombru għaliex ta' spiss qed jiġri li vetturi ipparkjati jagħlqu l-aċċess liberu għal din id-dar.

f. Għatba tal-konkos quddiem nru 41 Triq San Mark kantuniera ma' Triq il-Fidwa, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li ssir din l-għatba sabiex ikun hemm aktar sigurtà u aċċess aħjar għar-residenti li huma wkoll anzjani.

108.11.2 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.55pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv